**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 2 ta' April 2025**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Hubert Cini)**

**vs**

**Tiziana Attard**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Tiziana Attard ta' 33 sena bint Raymond u Carmen xebba Azzopardi residenti Crystal Building Flat 10 Triq Dun Guzepp Gonzi, Hal-Tarxien detentrici tal-karta tal-identita numru 408586M imwielda tal-Pieta nhar it-13 ta' Settembru 1986

Akkuzata talli b'diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi jew dispozizzjonijiet relatata tal-ligi, maghmula b'rizoluzzjoni wahda (Art. 18 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta):

1. Fl-14 ta' Lulju 2020 ghall-habta ta' bejn 14:00hrs u 15:00hrs fil-fond Harbour Heights, Triq id-Durrajsa, Paola, Malta ikkommettiet serq ta' apparat elettroniku

fosthom Yamaha sound bar, Nintendo game console, hair climper, hair blower, steam pot ghal valur komplessiv ta'[sic] zewg tablets tal-marka Samsung, ghall-valur kumplessiv ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro (€232) imma inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Thrisa Ciantar, liema serq hu aggravat bil-mezz, valur u dan bi ksur tal-Artikoli 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279(a) u 280 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, xjentament laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentament b'kull mod indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur tal-Artikoli 334 tal-Kodici Kriminali ta' Malta Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-Artikoli ta' qabel, ta' dan is-sub-titolu volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara fil-karozza tal-ghamla Renault numru tar-registrazzjoni LOU389 proprjeta ta' Louisa Sinop, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500), izda izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. U aktar talli fit-3 t' Awwissu 2020 ghall-habta ta' bejn 04:45 hrs u 05:30hrs gewwa Triq San Tumas il-Fgura ikkommettiet serq ta' basket ta' valur ta' inqas minn mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) u aktar minn tlieta u ghoxrin ewro (€23) ghad-dannu ta' Maria Josephine Galea, anzjana ta' 77 sena liema serq huwa aggravat bil-hin, u dan bi ksur tal-Artikoli 261(f), 270 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

5. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi xjentament laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentament b'kull mod indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur tal-Artikoli 334 tal-Kodici Kriminali ta' Malta Kap. 9 tal-Ligijet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna l-hatja ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra

tal-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta hekk kif mahsub f'Artikolu 533 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputata tiddikjara li m'ghandhiex oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

3. Rat li fis-seduta tad-19 t'Awwissu 2020, l-imputata irregistrat ammissjoni ghar-raba' (4) imputazzjoni dedotta kontra taghha.

4. Il-Qorti infurmat lill-imputata bil-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u senjatament li l-piena massima ghal din l-akkuza hija ta' sentejn prigunerija, u issospendiet is-seduta sabiex l-imputata tikkonsulta mal-avukat difensur taghha dwar jekk tridx tirrevedi l-posizzjoni taghha.

5. Wara li regghet issejhet il-kawza, il-Qorti staqsiet lill-imputata jekk kellhiex hin bizzejjed biex tikkonsulta mal-avukat difensur taghha, u hi wiegbet fl-affermattiv. Il-Qorti staqsiet ukoll lill-imputata jekk tridx tikkonferma l-ammissjoni taghha ghall-akkuza numru erbgha (4) u hi wiegbet fl-affermattiv.

6. Fl-istess seduta tad-19 t'Awwissu 2020, il-Prosekuzzjoni iddikjarat li l-imputazzjoni numra hamsa (5) hija alternattiva ghall-akkuza numru erbgha (4).

7. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumentiipprezentati.

8. Rat li minkejja li kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza inghataw il-fakolta li jipprezentaw nota' ta' sottomissjonijiet, hadd mill-partijiet ma ipprezenta tali nota.

**Il-Fatti**

9. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fl-14 ta’ Lulju 2020, il-Pulizija gew infurmati li saret serqa fi Block B, Flat 5, Triq Durrajsa, Paola, u li kien hemm vettura li garrbet xi hsarat minhabba din is-serqa.

2. Irrizulta li din ir-residenza kienet tappartjeni lil Thrisa Ciantar, li infurmat lill-Pulizija li hi kienet halliet id-dar bil-bieb imsakkar, u indikat lill-Pulizija diversi oggetti li sabet nieqsa fid-dar taghha.

3. Minn investigazzjoni ulterjuri tal-Pulizija irrizulta li persuna ta’ sess feminili kienet talbet sellum lil Nikola Nedeljkovic, haddiem li kien qed jahdem f’sit ta’ kostruzzjoni fil-vicin, ghax qaltlu li issakkret barra, u li kellha t-tfal gewwa. Hu kien sellifha dan is-sellum.

4. Louisa Sinop, sid il-vettura danneggata u li toqghod fil-vicinanzi tar-residenza derubata, infurmat lill-Pulizija li waqt li hi kienet diehla fir-residenza taghha, innotat mara gejja minn gewwa sit ta’ kostruzzjoni b’sellum f’idha u uzatu sabiex tpoggieh fuq gebla sabiex titla ghal ma’ tieqa li hemm mal-faccata u li tati ghal gewwa r-residenza derubata. Il-gebla li kienet mas-sellum waqghet bil-konsegwenza li ikkagunat hsara fil-vettura ta’ Sinop, li kienet ipparkjata quddiem ir-residenza.

5. Fid-29 ta’ Lulju 2020, Thrisa Ciantar infurmat lill-Pulizija li terza persuna kienet infurmatha li l-imptutata, li kienet habiba taghha, kellha fil-pussess taghha l-oggetti li gew misruqa mir-residenza taghha. Hija kienet marret flimkien ma’ missierha ihabbtu il-bieb tar-residenza tal-imputata. Wara argument li inqala’ bejnha u bejn l-imputata, missier l-imputata sab hair dryer u steam pod, li kienu gew misruqa lilha, go basket fit-tarag tal-blokk tal-flats.

6. Il-Pulizija uriet lil Louisa Sinopp u lil Nikola Nedeljkovich separatament sett ta’ ritratti b’diversi nisa differenti, u t-tnejn li huma identifikaw ir-ritratt tal-imputata bhala l-mara in kwistjoni.

7. Fit-3 t’Awwissu 2020, Mary Josephine Galea, anzjana, irraportat li mara zghazugha kienet serqitilha l-handbag, waqt li kient miexja fi Triq San Tumas, il-Fgura ghal-habta tal-hamsa neqsin kwart ta’ fil-ghodu (05.45hrs). Il-handbag

kien fih missal u c-cwievet tad-dar. Hija tat deskrizzjoni tal-mara u qalet li kienet qed issuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni ERN 123. Iktar tard il-handbag instab fi Triq Kent Fgura, izda minghajr ic-cwievet.

8. Minn investigazzoni li saru, il-Pulizija kellha suspett li l-mara li serqet dan il-handbag kienet l-imputata.

9. Ghaldaqstant, l-imputata giet arrestata, ittiehdu dawn il-proceduri kriminali fil-konfront taghha.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Htija**

10. Kif diga inghad, fis-seduta tad-19 t'Awwissu 2020, l-imputata irregistrat ammissjoni ghar-raba' imputazzjoni, u cioe ghas-serqa minn fuq l-anzjana Mary Josephine Galea. Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputata hatja ta' din ir-raba' imputazzjoni, fuq ammissjoni taghha stess.

11. Fl-istess seduta, il-Prosekuzzjoni iddikjarat li l-hames imputazzjoni kienet alternattiva ghar-raba' imputazzjoni. La darba l-Qorti sabet lill-imputata hatja ta' din ir-raba' imputazzjoni, hija se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames imputazzjoni.

12. Fir-rigward tal-ewwel tlett imputazzjonijiet, u cioe s-serqa mir-residenza li sehhet fl-14 ta' Lulju 2020 u d-danni kagunati lill-vettura, il-Qorti semghet ix-xhieda ta' Thrisa Ciantar, li ikkonfermat in sustanza bil-gurament taghha dak li hija kienet qalet lill-Pulizija.

13. Louisa Sinop xehdet li waqt li kienet fir-residenza taghha, xi hadd cemplilha biex iccaqlaq il-karozza taghha. Meta nizlet sabet gebla kbira hdejn il-bonnet tal-karozza li kellu d-danni. Hija qalet li innutat li l-bieb tar-residenza ta' Thrisa – li hija tafha bl-isem ta' Therese – Ciantar, kien miftuh u fih kien hemm l-imputata, li hi gharfitha fl-awla. Sinop qaltilha li l-imputata li kienet ghamlitlha hsara fil-vettura biex tidhol fil-maisonette, izda l-imputata wegbitha li hi dahlet bic-cwievet.

14. Ghalkemm Sinop gharfet lill-imputata bhala l-mara li kien hemm fil-maisonette ta' Ciantar, il-verzjoni tal-fatti taghha hija pjuttost vaga, u lanqas taqbel mal-verzjoni tal-

fatti li tat lil PC 471 Michael Briffa[1] u mal-verzjoni tal-fatti li kienet tat lill-Pulizija a tempo vergine kif jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija.[2] Hija spiccat ix-xhieda taghha billi qalet li ghalkemm konsegwenza ta' dan l-incident, il-vettura taghha kienet sofriet danni ta' 'l fuq minn erba' mitt Euro (€400), hija kienet disposta li issewwi l-hsara hija, u ma kinietx interessata li dawn il-proceduri jitkomplew.

15. Il-Pulizija irrinunzjat ghax-xhieda ta' Nikola Nedeljkovic, stante li dan ix-xhud ma setghax jinstab, minkejja li saru diversi tentattivi ghal dan l-iskop.[3]

16. Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-ewwel imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat giet debitament ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

17. In vista' ta' din il-konkluzjoni, il-Qorti ser tasjteni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni ta' ricettazzjoni, peress li huwa ovvju li din l-imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat.

18. Pero, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-Prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova lill'hinn minn kull dubbju ragonevoli t-tielet imputazzjoni, u cioe li l-imputata ikkagunat danni volontarji lill-vettura ta' Louisa Sinop. Fl-ewwel lok, la mill-verzjoni li Sinop tat lill-Pulizija a tempo vergine u wisq inqas minn dik moghtija quddiem din il-Qorti, ma tirrizulta b'mod car id-dinamika ta' kif ezattament l-imputata ikkagunat danni lill-vettura. In partikolari ma jirrizultax kif l-imputata waqqghet gebla kbira fuq il-vettura ta' Sinop, hija u tipprova tidhol fir-residenza ta' Ciantar biex tisraq. Fit-tieni lok, Sinop lanqas ezebit stima tad-danni, li gew sofferti. Din l-istima hija partikolarment importanti mhux biss biex tiddetermina l-ammont tal-hsara sabiex tigi ikkalibrata il-piena, izda wkoll sabiex jigi determinat b'mod indipendenti li l-hsara kienet teccedi l-ammont ta' mitejn u hamsin Euro (€250). Dan ghaliex jekk il-hsara hija inqas minn mitejn u hamsin Euro (€250) allura ai termini tat-tielet proviso tal-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali, l-azzjoni kriminali tehtieg il-kwerela tal-parti offiza, u f'dan il-kaz il-parti offiza, cioe Louisa Sinop, irtirat il-kwerela taghha waqt id-depozizzjoni taghha f'dawn il-proceduri.

---

[1] Ara xhieda ta' PC 471 Michael Briffa a fol. 55 tal-process.
[2] Ara fol. 12 tal-process.
[3] Ara verbal tas-seduta tas-26 ta' Mejju 2021.

19. Ghaldaqstant, l-imputata ser tigi liberata mit-tielet imputazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-piena**

20. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li meta l-imputata ikkommettiet dawn iz-zewg reati, il-fedina penali kienet wahda netta. Pero mill-fedina penali aggornata taghha jirrizulta li hi inghatat zewg kundanni minn dawn il-qrati, wahda ghal diversi reati ta' serq ikkwalifikat u ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest, u l-ohra ghal hsara volontarja, ingurji u theddid u ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest. Fiz-zewg kazijiet hija inghatat sentenza ta' prigunerija sospiza.

21. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputata serqet dawn l-oggetti minghand Thrisa Ciantar:[4]

| | |
|---|---|
| Yamaha Sound Bar | – erba' mitt Euro (€400) |
| Tablet Samsung abjad | – mitejn u hamsin Euro (€250) |
| Tablet Samsung iswed | – mitejn u hamsin Euro (€250) |
| Smart Watch tad-ditta MK | – erba' mija u tmenin Euro (€480) |
| Arlogg lewn id-deheb tad-ditta MK | – mitejn u hamsin Euro (€250) |
| Nintendo Switch | – tlett mija u tmenin Euro (€380) |

22. Il-valur totali ta' dawn l-oggetti hu ta' elfejn u ghaxar Euro (€2010.00). Apparti dawn l-oggetti, l-imputata serqet ukoll steam pot tal-valur ta' tlett mitt Euro (€300) u hair dryer tal-valur ta' mija u hamsin Euro (€150)[5], pero dawn iz-zewg oggetti gew ritornati lid-derubata.

23. Il-Qorti tosserva li ghalkemm il-valur totali tal-oggetti misruqa (kemm dawk ritornati kif ukoll dawk li ma gewx ritornati, jeccedi l-valur ta' €2,329.67, fl-ewwel imputazzjoni gie dikjarat li l-valur tal-oggeti misruqa ma jeccedix dan l-ammont. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tinfliggi l-piena ghal serq fejn il-valur jeccedi il-valur ta' €2,329.67.

24. Mir-rapporti tal-Ufficjal tal-Probation kif ukoll tax-xhieda mismugha jirrizulta li l-imputata ghandha problema pjuttost akuta ta' tossikodipendenza. Ghalkemm pendenti

[4] Ara Dok PC 4 a fol. 35 tal-process.
[5] Ara fol. 10 u 11 tal-process.

dawn il-proceduri hija bdiet zewg programmi residenzjali sabiex tindirizza din il-problema, wiehed mal-Agenzija Oasi u l-iehor mal-Agenzija tal-Caritas, fiz-zewg okkazjonijiet hija ma itterminatx il-programm. Mix-xhieda u r-rapport tal-Probation Officer jirrizulta li ghalkemm fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputata ghamlet progress f'hajjitha, fis-sens li m'ghadhiex tghix hajja turbulenti daqs qabel, u naqset hafna l-abbuz ta' sustanzi illeciti, hija baqghet inkonsistenti fit-tehid tad-droga, u ma waqfitx dan il-vizzju ghal kollox.

25. L-imputata ghada tirrizisti li tidhol ghal programm residenzjali, u issostni li hi kapaci tgheleb il-vizzju tad-droga bl-ghajnuna biss tal-*Outreach Program* tal-Agenzija Caritas. In oltre, hija qieghda ukoll taht il-kura ta' psikjatra u ricentement giet riferuta ghand psikologa. Jidher li l-imputata ghandha pjattaforma ghal ghajnuna, pero ovvjament trid tkun l-imputata li taghmel hilitha u timxi mal-pjan tal-kura li jigi mhejji ghaliha mill-professjonisti.[6]

26. In vista tal-fatt li meta ikkommettiet ir-reati *de quo* l-fedina penali tal-imputata kienet wahda netta u in vista tal-fatt li fil-prezent hajjitha hija iktar stabbli u qieghda tattendi l-*counselling sessions*, il-Qorti hija tal-opinjoni li ghandha tati l-ahhar opportunita lill-imputata sabiex tirriforma hajjitha. Ghaldaqstant, il-Qorti ma hix ser timponi piena ta' habs effettiv.

**Konkluzjoni**

27. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tal-hames imputazzjoni;

    2. Issib lill-imputata mhux hatja tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront taghha u qed tilliberaha minnha.

[6] Ara r-rapport tal-Ufficjal tal-Probation tat-18 ta' Marzu 2025 a fol. 163 tal-process.

3. Wara li rat l-Artikoli 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278(2), 279(a), 280(2), 261(f) u 270 tal-Kodici Kriminali, Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tal-ewwel u tar-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront taghha.

4. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-hatja ghal piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

28. Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li tonqos milli tosservaha, u cioe f'kaz li tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**